# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2608

Każ numru 3587/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Andrea Vrazhalska
(ID 38523 (A))
u
Ernst & Young Ltd (C 30241)
Ernst & Young Managed Services Ltd
(C 70774)

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: James Henry Pearsall**

**Illum : 15 ta' Lulju, 2019**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' dikjarazzjoni ppreżentata minn Andrea Vrazhalska, fir-Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar it-2 t'Ottubru 2015 fejn tikkontendi li giet kostretta titlaq mix-xoghol minhabba trattament hazin u konsegwentament it-terminazzjoni tal-impjieg taghha ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta)

Min-naħa ta' Ernst & Young Ltd (C30241) u Ernst & Young Managed Services Ltd (C70774), f'dikjarazzjoni li għamlu, datata 27 ta' Ottubru 2017, esprimiet il-posizzjoni taghha in kwantu li Andrea Vrazhalska ma gietx imkeccija ghalhekk it-telqa spontanja u libera taghha mill-kumpanija ma tistax tigi klassifikata legalment bhala *constructive dismissal* jew tkeccija ngusta.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm disa' (9) seduti, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa in konsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba differimenti mitluba miz-zewg partijiet kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

**2.1** **Andrea Vrazhalska**, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ ir-rikorrenti kienet megħjuna mill-Avukat Dr. David Camilleri.

**2.2**I Ernst & Young Ltd, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà ntimata, kienet irrappreżentata mill-Avukat Dr. Robert Attard mghejjun minn Joette Mallia.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta' ntimata fuq kuntratt indefinit b'effett mill-11 ta' Mejju 2015 bhala Senior 2 fil-Managed Services Delivery Centre. Tirritjeni li hi kienet giet ittrattata hazin tant li giet kostretta titlaq mix-xoghol.

Ir-rikorrenti tikkontendi li minhabba agir abbuziv u illegali da parti tal-principal kella titlaq mix-xoghol, konsegwentament titlob li tithallas dak kollu dovut lilha u kumpens ghal dak li effettivament ghandu jigi kkunsidrat anke bhal tkeccija ngusta.

Min-naha taghha s-socjeta' ntimata issostni li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kontenuti fid-dikjarazzjoni tal kaz taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Is-socjeta' ntimata tghid ukoll li t-telqa spontanja u libera taghha mill-kumpanija ma tistax tigi ikklassifikata legalment bhala *constructive dismissal* jew tkeccija ngusta.

**Il-lista ta' xhieda:**

**3.1** Xhieda mressqa mir-rikorrenti (lista ta' xhieda kif murija f'pagna 2 tad-dikjarazzjoni datata 3/10/2017)

**3.2** Xhieda mressqa mis-socjeta' ntimata (Xhieda kif riferuta f'Art. 3 tad-dikjarazzjoni tal-kaz datata 27/10/2017.

4. **Il-lista ta' dokumenti:**

**4.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti:

Min-naħa tar-rikorrent immarkati Doc A u Doc B mar-rikors Doc minn 1 sa 38 inkluz.

Min-naha tas-socjeta' ntimata mmarkati minn JS1 sa JS 11 b'annexes 1 sa 14; NKK1 sa NKK9.

Giet ipprezentata kemm employment history kif ukoll kopja ta' dokumenti tat-terminazzjoni mill-impjieg, ikkonfermata mill-Jobsplus.

5. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

5.1 **Andrea Vrazhalska** fix-xiehda taghha espremiet ruhha fuq dawk il-punti li hi tallega li dwarhom kienet ittrattata hazin. (a) Progression/Promotion (b)Overtime (c) Health issues (d) Appogg fl-istudji taghha.

5.2 **Joette Sciortino** Associate Partner tas-socjeta' ntimata rigward it-talba sabiex ir-rikorrenti tibghat ir-rizenja taghha nghatat din it-twegiba **"___________***Since you intended resigning we have an obligation towards our clients that we have to respect, which I'm sure you understand"***.**(Rif:Annex 10)

5.3 **Joette Sciortino** kkonfermat fix-xiehda taghha spjegat fil-qosor id-dikjarazzjonijiet li ghamlet fid-Dok (JS 11)

5.4 **Nicole Kritzinger** Talent Manager tas-socjeta' ntimata fix-xiehda taghha tat rendikont tad-dikjarazzjonijiet li ghamlet (Rif Dok NK 1)

6. **Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

6.1 **Avv. David Camilleri:** Fit-trattazzjoni tieghu rrefera ghal numru ta' kazi fejn tissemma il-*Constructive Dismissal* fejn espressament isemmi dikjarazzjoni li l-Qorti tesprimi kemm huwa difficli li wiehed jipprova il-*Constructive Dismissal* aktar minn hekk jirreferi hekk " *Ikun hemm lok ta' constructive dismissal meta l-impjegat, ikun imgieghel jirrizenja mix-xoghol tieghu minhabba cirkustanzi ta' natura negattiva fuq lant tax-xoghol jew/u jkun hemm xi ksur fundamentali tal-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' mpieg_____"*

Issemma il-kaz ta I.T. Smith u J.C.Wood "____________________(*particularly in cases where the employer's conduct consists of a unilateral proposal to change the terms of employment*) of this being construed as an agreement by the employee to a variation in the contract; if this is so there is no constructive dismissal, even if the employee later resigns".

**L-Avv. D Camilleri:** jirritjeni li fic-cirkustanza ta' dan il-kaz, "the employer was likely to destroy or seriously damage the trust and confidence relationship".

Irrefera ghall-punti fejn ir-rikorrenti thoss li giet ittrattata hazin li wasslitha sabiex tirrizenja li kienu:

**Progression/ Promotion:** inghatat spjegazzjoni tax-xoghol li kienet ghamlet ir-rikorrenti fil-progetti moghtija lilha u l-andament li ghaddiet minnu waqt li kienet fuq dan ix-xoghol li filwaqt li r-rikorrent issostni li hi ghamlet aktar min dak mistenni thoss li ma kellhiex apprezzament anzi pjuttost hi giet ittrattata hazin ghax ma nghatatx promozzjoni filwaqt li mpjegat iehor b'anqas servizz minnha gie moghti promozzjoni.

**Overtime:** nghatat spjegazzjoni fejn ir-rikorrenti kienet taghmel ammonti konsiderevoli ta' overtime li hi ma kinitx tithallas tieghu u gie riferut anke li tintuza sistema fejn jekk il-klijent ma jhallasx

ghall-overtime l-impjegati ma jithallsux, u hawn ir-rikorrenti ssostni li ma' dan ma taqbilx (pag7). Gie riferut ukoll li ghalkemm hemm specifikat li certi gradi jistghu jithallsu tal-overtime, r-rikorrenti thoss li din hija politika selettiva u ma taqbilx maghha (pag 8).
Gie spjegat ukoll kif ir-rikorrenti giet ittrattata hazin fis-sistema ta' xi kumpens jew bonuses.

**Resignation:** Fit-trattazzjoni gie spjegat x'kellha tghaddi minnu r-rikorrenti sabiex tasal biex tissottometti r-rizenja taghha fejn tallega li hi kienet giet "bullied" sabiex taghmel dan. Ir-rikorrenti tirreferi ghal laghat li kienet taghmel Mrs. Sciortino Associate Partner tas-socjeta' ntimata meta kienet tkun l-Ingilterra, hi ma kinitx taghmel laqghat maghha u ghaldqastant kienet thoss li hi injorata.
Gie riferut li " *Mrs Sciortino stated that Ms Vrazhalska has been selected to remain on the project as a result of her performance and that perhaps she could be promoted next year" (pag10).*

**University/Study leave u Health issues;** gie spjegat li filwaqt li r-rikorrenti kienet qed issegwi l-istudji taghha u kellha taghmel ammont ta' spejjez is-socjeta' ntimata ma kinitx tilqa t-talbiet taghha, kemm dawk finanzjarji kif ukol in kwantu ta' hinijiet li kien ikollha bzonn sabiex issegwi l-kors ta' l-istudji taghha, r-rikorrenti tallega li din il-kwalita' ta' attitudni kienet biss intenzjonata sabiex twassal lir-rikorrenti biex tabbanduna l-istudji taghha u tigi imtellfa mill-opportunita' li tavvanza professjonalment.
Ir-rikorrenti fir-rigward ta' l-istat ta' sahha taghha, tispjega li hi kellha sitwazzjoni diversa mill-impjegati li kienu jahdmu l-Ingilterra, ghalkemm hi kellha insurance tal BUPA Malta standard, ghaldaqstant ma setghetx tiehu l-istess kura bhall-impjegati barranin. Ir-rikorrenti issostni li ma kinitx stmata l-istess fir-rigward ta' nuqqas ta' attendenza meta kienet tkun ma tiflahx u hi ma kinitx tavza l-ufficcju ta' Malta. Fil-konkluzjoni tat-trattazzjoni gie spjegat kif ir-rikorrenti esperjenzat trattament negattiv kostanti u li minhabba l-punti kif riferuti aktar 'il fuq hi kellha tirrizenja li kif diga riferut tali rizenja kienet *constructive dismissal*.

**6.2 L-Avv. Robert Attard:** Fit trattazzjoni tieghu apparti minn noti pprezentati minnu li kienu jirrgwardjaw il-punt principali ta' meta isehh tibdil fil-kuntratt tax-xoghol u dan isir arbitrarjament min-naha ta' min jimpjega . Hu sostna li bl-ebda mod dan ma gie ppruvat. Aktar minn hekk hu rrefera ghall-atteggjament tar-rikorrenti meta hi pprezentat recordings ta' telefonati u anke dokumenti li setghu jizvelaw informazzjoni nterna tas-socjeta' ntimata.
**L-Avv. R. Attard** ta spjegazzjoni fuq il-punti kollha li resqet ir-rikorrenti ( overtime; promotion; professional development and sick leave).
Hu kkonkluda billi rrefera kemm ghall-pass li kienet hadet ir-rikorrenti meta bdiet tapplika ghal impieg ma' kumpaniji ohra kif ukoll li hi sabet impieg fiz-zmien qasir minn meta r-rikorrenti kienet irrizenjat.

**7. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu ttratta l-aspetti varji li huma inkwadrati f'dan il-kaz.
L-ewwel aspett hu d-definizjoni ta' **constructive dismissal** fil-Ligi Maltija li din mhiex provduta ghax kif riferut fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, it-tifsira hija limitata biss ghal, li " ***ir-rizenja*** *minn impieg ghal*

*ragunijiet li ghalihom jahti dak li jaghti x-xoghol titqies b'interpretazzjoni bhal li kieku kienet tkeccija"* (trattazzjoni rikorenti pag 1).

It-Tribunal fela sew l-istess trattazzjoni, kemm tar-rikorrenti kif ukoll tas-socjeta' ntimata, fejn wasal ghad-direzzjoni cara li ha dan it-Tribunal, meta jikkonferma tali konnotazzjonijiet carissimi
(a) "_____________ (*particularly in cases where the employer's conduct consists of a unilateral proposal to change the terms of employment*) (Rif I.T. Smith u J C Wood Butterworths pg 279) bdil fil-kuntratt tax-xoghol bhal l-ezempju kif riferut, meta l-impjegat/a ma jigix imhallas is-salarju kif stipulat fil-kuntratt u dan dejjem b'decizjoni unilaterali minn min jimpjega.

Min-naha l-ohra fis-sottomissjonijiet min-naha tas-socjeta' ntimata huwa muri ukoll x'ghandha tkun ir-raguni valida sabiex twassal ghal *constructive dismissal*, u l-istess f'kazi diversi jinghad hekk,
(b) "_______*treating the contract as having been repudiated by the employer*" (LogoboxLtd v Tiitherley) ICR 369, [1977]IRLR 97 .
Hu muri car ukoll f'kaz iehor li jindika li min jimpjega, bl-agir tieghu ikun irrizulta
(c) " *the employer's conduct amounts to a significant breach, going on to the root of the contract, can now be regarded as being authoritive"* ( Woodham Stringle Commercials (London) Ltd vs Brown 1983 IRLR 43).

It-Tribunal Industrijali bilfors irid josserva l-kuntratt tax-xoghol li kellha r-rikorrenti (Rif Dok A mad-dikjarazzjoni tal–kaz). Dan sabiex jaghmel evalwazzjoni bejn il-kuntratt u l-eventwalitajiet li spjegat ir-rikorrenti, kemm fid-dikjarazzjoni kif ukoll fis-sottomissjonijiet taghha, fejn hi bbazat it-talba li kellha tirrizenja minhabba ostakoli kontinwi min-naha tas-socjeta' ntimata .

It-Tribunal stharreg sew il-punti kollha li r-rikorrenti ssottomettiet fejn issemmew dawn il-punti:

(a) Progression/Promotion; (b) Overtime; (c) Resignation; (d)University/Study leave;(e) Health issues;

**(a) Progression/Promotion:**

Dan il-punt m'hemmx riferenza ghalih fil-kuntratt, izda t-Tribunal meta fela d-dokumentazzjoni tal-partijiet kif ukoll ix-xhieda moghtija osserva li dan kien punt li seta' jigi kkunsidrat bhala l-hekk imsejjah **Implied,** ghax kien hemm diversi skambji kemm qabel l-impieg kif ukoll matul il-perkors ta' qabel ir-rizenja.

Dan is-suggett kien ikkunsidrat f'kuntest ta' sistema addottata mis-socjeta' ntimata ma' l-impjegati kollha inkluz ir-rikorrenti. Il-kumplessita' tas-sistema kif uzata hija suggettiva fl-uzu taghha. It-Tribunal, fix-xiehda tar-rikorrenti stess innota li matul il-perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) xahar fl-impieg hi giet moghtija awmenti fil-grad minn 2 ghal 3 u kien indikat ukoll li fl-ahhar tas-sena r-rikorrenti kienet ser tinghata xi awment iehor. It-Tribunal ma setax jikkonkludi li fuq dan l-aspett kien sar xi ksur flagranti tal-kuntratt tax-xoghol.

**(b) Overtime:**

Dan il-punt l-istess m'hemmx riferenza stipulata fuq hlasijiet ghal xoghol barra mill-hinijiet kif stipulati fil-kuntratt tax-xoghol. It-Tribunal osserva li kienu biss skontri ta' diskussjoni fuq dan is-suggeTt miz-zewg partijiet li ghall-mistoqsija diretta mir-rikorrenti (Doc 1.2) kienet inghatat risposta li, sighat barra il-hin normali jithallsu b'rati differenti kif ukoll **b'time off in lieu**. It-Tribunal innota li r-rikorrenti giet moghtija time off in lieu, ghal numru ta' sighat li hadmet aktar minn normal. L-aktar parti kkumplikata fuq il-hlasijiet tas-sighat zejda ta' xoghol hija spjegata min-naha tas-socjeta' ntimata kif u meta ghandhom jigu kkunsidrati jekk jigux imhallsa jew le skont kriterji li jigu adottati u maqbula mhux biss mas-socjeta' ntimata, izda ukoll mal-klijenti specifici li jaghtu x-xoghol taghhom lis-socjeta'. Dan isir bi qbil ma' l-impjegati diversi minn qabel ma jibda dak ix-xoghol specifiku (assignment). Ghalhekk is-socjeta' ntimata fi principju qatt ma cahdet il-hlasijiet ta' sighat zejda ta' xoghol jekk approvati mill – istakeholders kollha tal-progett mahdum.

**(c) Resignation:**

It-Tribunal ikkunsidra dan il-punt fl-isfond tal-punti l-ohra kollha li jinghad mir-rikorrenti li wasslu ghal din l-hekk allegata Constructive Dismissal. It-Tribunal innota li r-rikorrenti mis-sottomissjonijiet taghha iffokat primarjament fuq il-punt (a) fil-kunsiderazzjonijiet, dik tal-Promotion u Progression li minn dokumentazzjoni huwa rilevat li qalet *jiena il-progress fil-karriera tieghi ma huwiex mas-socjeta intimata* (Rif Doc 14;16 u ghaldaqstant it-Tribunal ma sabx xiehda konkreta li s-socjeta' ntimata, mhux talli ma kisritx il-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrenti, izda ma ghamlet l-ebda pass sabiex tpoggi lir-rikorrenti f'sitwazzjoni apposta sabiex hi tirrizenja.

Il-fatt riferut fix-xiehda li r-rikorrenti giet mitluba r-rizenja bil-miktub sar biss wara li hi kienet uriet fehemtha li ser taghmel dan. Ghaldaqstant is-socjeta' ntimata ma kellhiex triq ohra hlief li tipprepara ghall-ingagg ta' xi mpjegat/a ohra, u li dan seta' jsir biss meta s-socjeta' ntimata tkun mgharrfha formalment bl-ghoti tar-rizenja ufficjali. It-tribunal fehem sew li bdil ta' mpjegat/a minn xoghol specifiku bhal ma kienet taghmel ir-rikorrenti, irid isir b'formalita' anke bi qbil mal-klijenti li ghalihom l-impjegati ikunu qeghdin jaghmlu x-xoghol.

**(d) University/Study leave:**

Dan il-punt ukoll mhux indikat fil-kuntratt izda l-istess kien hemm diskussjonijiet informali fuq dan is-suggett. Is-socjeta' ntimata fil-principju hija favur li l-impjegati taghha jikbru fil-professjonalita' taghhom u dan ma giex innegat lir-rikorrenti. Is-socjeta' ntimata kellha kriterji generali stabbiliti kemm fejn jidhlu hlasijiet ghall-istudji kif ukoll l-uzu tal-hin tax-xoghol ghal tali studji. Fil-kaz tar-rikorrenti, ma kienx hemm provi sodisfacenti li juru li b'xi mod hi giet impeduta li tkompli l-istudji taghha, izda s-socjeta' zammet ukoll mal-kriterji li kellha fuq dan is-suggett kif kienet taghmel ma' mpjegati ohra.

**(e) Health issues:**

It-Tribunal innota li dan kien punt iehor li ma kienx direttament imsemmi fuq il-kuntratt, ghax huwa carissimu li dan kien punt li huwa meqjus bhal **Implied** ghax il-leave ghall-mard huwa wiehed protett bil-ligijiet. Mix-xiehda moghtija miz-zewg partijiet huwa kkonfermat li s-socjeta' kienet tipprovdi Insurance ghall-mard kif ukoll Insurance fuq il-hajja personali tal-impjegati.

Fl-incidenti li r-rikorrenti kienet marida u ma rraportatx ghax-xoghol, is-socjeta’ kull ma ghamlet kien li talbet lir-rikorrenti sabiex dejjem tittempra ruhha mas-sistemi ta’ rappurtagg minn assenza mix-xoghol meta tkun ma tiflahx.

It-Tribunal fil-kuntest kollu ta’ kif sehhew l-affarijiet ma sabx fatti konkreti li l-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrenti kien b’xi mod mittiefes mis-socjeta’ ntimata .

**8. Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema’ x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa in kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, wara dawn il-kunsiderazzjonijiet, qies li dan hu kaz fejn ir-rikorrenti kellha kuntratt stipulat bil-punti saljenti kollha spjegati, kif ukoll inghatat spjegazzjoni generali ghall-mistoqsijiet li hija ghamlet qabel ma accettat il-kuntratt, hasset, li wara perjodu sostanzjali f’kariga professjonali, hi kellha tinghata awment fil-grad taghha. Kif dan ma sehhx, ir-rikorrenti zvelat mas-superjuri taghha li postha ma ghadux aktar mas-socjeta’ ntimata u uriet il-hsieb taghha li kienet ser titfa r-rizenja taghha, kif filfatt ghamlet.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li dan il-kaz ma kienx wiehed ta’ *Constructive Dismissal*, izda dan kien kaz ta’ rizenja.

Għall-finijiet ta’Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta’ min assista l-partijiet fl-ammont ta’ 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja